MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

## **Laqgħa Numru 41 – 4 Leġiżlatura**

**It-Tnejn 14 ta April 2025**

Il-Kunsill Reġjonali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku B'Buġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Gianluca Falzon |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Karl Boxall |
| Kunsillier Zejtun | Is-Sur Anton Aquilina |
| Kunsillier Santa Luċija | Is-Sinjura Kylie D'Amato |
| Kunsillier Marsaskala | Is-Sur Charlo Mifsud |
| Kunsillier Gudja | Is-Sur Andrew Dalli |
| Kunsillier Ħal Luqa | Is-Sur Keith Bartolo |
| Kunsillier Ħal Qormi | Is-Sinjura Elke Sghendo |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

Ħadt

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Sindku tal-Ħamrun Christian Sammut

Sindku tal-Marsa Luke Farrugia

ASSENTI

Ħadt

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mariella Strout Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-president is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**41.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija;**

**41.1.1** Il-Kunsill Reġjonali rċieva żewġ ittri ta' apoloġija mingħand Sindki tal-Ħamrun u Marsa

**41.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

**41.2.1** Il-President ressaq il-Minuti ta' erbgħin (40) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel tal-laqgħa. Il-minuti ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

**41.2.2** Wara mozzjoni mressqa mil-President Jesmond Aquilina u s-sekondat Kunsillier Charlo Mifsud il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu il-minuti msemmija.

**41.2.3 Kunsiderazzjoni mill- Minuti**

**41.2.3.1** Il-President qal li tender tal-Binja wasal fl-aħħar fażi ta' l-evalwazzjoni, qed jistennew il-verifiki l-Inġinier iżda il-Perit kienet rispondiet u tenniet ir-rakkommandazzjoni tagħha fuq il-parti teknika.

**41.2.3.2** Il-President għamel referenza għat tender ta' dawl li qed jiġi preparat mir-Reġjun u qal li kien hemm xi Sindki li staqsew jekk ir-Reġjun kienx infurmat li l-Enemalta kienet ser toħroġ tender hija sabiex tagħti servizz lil Kunsilli Lokali. Huwa tenna li kien bagħat verifika li DLG. Madanakollu ir-Reġjun kien ser jibqa' għaddej b'xogħol fuq dan it-tender.

**41.2.3.3** Il-President informa li fazi preliminarja tal- kwiżż ta' tfal li Reġjun qed jorganiżża ġo l-iskejjel, football nurseries u scouts kienet waslet fil finali u baqa biss l-iskola tal-Marsa. Fil-granet li ġejjien kienu ser issiru l-isports days.

**41.2.3.4** Il-President informa li huwa kien prezenti waqt il-laqgħa online relatat ma sħubija f' proġett ESPON-VREPO Air Pollution Modelling. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti Dr Liam Sciberras li huwa ukoll espert fuq suġġetti ambjentali. Dan il-proġett qed jiġi kordinat mill-Maniġer ta' Reġjun responsabbli mil-ambjent. Waqt din il-laqgħa ġew stabiliti numru ta' punti dwar dan il-proġett. Hu tenna il laqgħa li jmiss kienet ser issir Malta. Il-President qal li kien ser fejn possibli ir-reġjun jieħu ħsieb l-ispiza marbuta ma bibita.

Il-Kunsill qabel u ser nikomunikaw sabiex nibgħatu id-detalji iktar il-quddiem .

**41.2.3.5** Rigward il European Network of Holy week huwa qal li xogħol tal-għaqdiet u il-Kunsilli kien qed jiġi prezentat fuq in-Network portal. Il-Kunsillier Anthony Aquilina qal li l-iskejjel ta' Zejtun kienu għamlu diversi xogħolijiet. Il-President irringrazzja lil Kunsillier Aquilina

ta' l-impenn tiegħu fuq dan il-proġett. Hu kompla li f'Ottubru ser issir il-konferenza generali fil-Portugal u il-quddiem jiġi diskuss min ser jattendi.

41.2.3.6 Il-President informa li l-ġimgħa ta' qabel ir-Reġjun kien ospita lil rappreżentati tal-Kunsilli ta' tfal li j'jattendu laqgħat fil-Kunsilli rispettivi tagħhom organizzati mil Malta Foundation of Wellbeing. Waqt din il-laqgħa numru ta' tfal għamlu diversi punti fuq dak li jixtiequ jaraw fil-lokalitajiet tagħhom.

**41.3 Komunikazzjoni mill-president**

41.3.1 Il-President qal li Diviżjoni ta' l-istrateġija u l-implimentazzjoni nfurmat li kienet se ġedded li skema tal-Uffiċjal ingaġġat mil-kura ta' l-annimali. Il-Kunsill irringrazzja li diviżjoni ta' din l-għajnuna

41.3.2 Il-President informa li Dipartiment tal-Gvern Lokali kien ħareġ il-permess sabiex tinħareġ is-sejħa għal tlett uffiċjali maniġerjali.

41.3.3 Il-President fakkar li ġbir f'żmien il-Ġimgħa il-Kbira ser issir skont li skeda. Il-Kunsillier Charlo Mifsud u Kunsillier Elke Sghendo ġibdu l-attenzjoni dwar skart li ma kienx qed jinġabar b'mod regolari fil-lokalitajiet rispettivi tagħhom. Il- President ta' spjegazzjoni dwar dawn l-ilmenti.

Huwa kompla billi għamel referenza għal press release fejn il-pubbliku ġie nfurmat mill Ministru ta' Transport li qed issir tentattiv sabiex l-iskart jinġabar matul il-lejl. Il-President tenna li Reġjun għadu ma ġiex nfurmat dwar dan iżda staqsa lil kuntrattur ta' Reġjun fejn qalu li huwa mhux ser ikun jista' jagħmel dan is-servizz matul il-lejl. Il-Sindki u Kunsilliera preżenti taw il-fehma tagħhom.

Il-President ta' rendikont ta' tipping weight u jidher li naqqas għal l-ewwel tlett xhur, il-President tenna li jekk trend tibqa tonqos il-Kunsill jkunu jistaw jibbenifikaw min fondi speċjali li joħroġ ir-Reġjun.

41.3.4 Il-President informa li l-Malta Libraries infurmat li xtaqt li jsirr attività fejn l-MOU ta' Libreriji jiġi iffirmat f'okkażjoni waħda. Is-Seġretarju Eżekuttiv infurmat li qed tinstab data komuni għal kullħadd u il-Kunsilli li għandhom librerija ser jiġu nfurmati.

**41.4 Skeda ta' Pagamenti;**

41.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 04/25A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

41.4.2 Wara mozzjoni mressqa min proponent Kunsillier Charlo Mifsud u sekondat Kunsillier Elke Cassar Sghendo, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

**41.5 Rapporti**

**41.5.1 Rapport tal-laqgħa tas-Sindki- Preżentat mill President AKL**

Il-President intruduċa lil President ta' Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali Mario Fava lil Kunsill u stieden li Sur Fava jindirizza lil Kunsill. Is-Sur Fava għamel sommarju ta' Rapport ta' laqgħa ta' Sindki li kienet saret f'Għawdex. Huwa sema diversi punti li kienu tqajmu mis-Sindki fejn talbu l-għajnuna ta' l-Assoċjazzjoni sabiex jiġu indirizzati. Dawk preżenti iddiskutew diversi temi li resaq is-Sur Fava waqt l-indirizz tiegħu.

F'tmiem l-indirizz il-President Jesmond Aquilina rringrazzja lil President Mario Fava ta'rapport u żjara waqt il-laqgħa tal- Kunsill Reġjonali Nofsinhar.

**41.6 Item: Addendum sena 2025-2026 ġbir ta' skart kummerċjali**

Il-President fakkar li l-addendum ta' ġbir ta' l-iskart riċiklat kummerċjali u ġbir ta' skart min ċimiterji f'numru ta' lokalitajiet wasal biex jerġa jiġi imġedded għas-sena 2025-2026. Huwa tenna li peress li kien hemm xi lokalitajiet li iddeċidew li ma jkomplux jagħmlu użu mil-ġbir ta'skart miċ-ċimiterji ser issir reviżjoni sabiex jitnaqqsu mill stima finanzjarja.

Il-Kunsill qabel ma tiġdid ta' l-addendum u reviżjoni ta' l-istima.

**41.7 Affarijiet Oħra**

**41.7.1** ma kienx hemm

**41.8 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

**41.8.1** Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 pm u ġiet aġġornata għal it-Tnejn 19 ta' Mejju 2024 5

Konfermati llum 19 ta' Mejju 2025 ____________________

Jesmond Aquilina
President

Mariella Strout
Segretarju Eżekuttiv